MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 594/2000/1

**Philippa Farrugia mart l-istess Moncef Ben Ammar Aidi**

**vs**

**Moncef Ben Ammar Aidi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Gunju 1996 (Dok "A");

Illi l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli *stante* li l-konvenut irrenda ruhu hati t'adulterju, swat, ingurji gravi, ingurji u sevizzi u abbandun tad-dar konjugali;

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni ta' l-Onor. Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi kontenzjonament b'digriet nru. 347/2000 tas-7 ta' Marzu 2000;

Illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi ghalhekk l-istess attrici talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet solament imputabbli lill-konvenut;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd li kellu ghan-nofs l-akkwisti waqt iz-zwieg li kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici;

4. Tappplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni bil-procedura ta' l-affissjoni (a tergo ta' fol. 9 u fol. 10);

Rat ir-rikors ta' l-attrici tad-29 ta' Marzu 2000 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza n-notifika lill-konvenut *ai termini* ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza bil-procedura ta' l-affissjoni (a tergo ta' fol. 13) u permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern

ta’ l-10 ta’ Ottubru 2000 u li baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u b’hekk huwa kontumaci;

Rat il-verbali tat-8 ta’ Novembru fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju; tal-21 ta’ Frar 2001; ta’ l-20 ta’ Settembru 2001; tat-13 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita sine die; tas-6 ta’ Novembru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport; ta’ l-20 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Bonnici talab li l-provi migbura fil-kawza Citazzjoni Numru 1546/2000/1/RCP jghoddu bhala provi f’din il-kawza u ddikjara li m’ghandux provi aktar; u tat-8 ta’ April 2003 fejn Dr. Joseph Bonnici, ghall-attrici, talab li l-kawza tibqa` differita ghas-sentenza; il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta’ Mejju 2003;

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-22 ta’ Novembru 2000 fejn permezz taghha pprezentat estratt mill-Gazzetta Lokali ta’ l-20 ta’ Novembru 2000 li turi li l-konvenut gie debitament notifkat anke f’gazzetta lokali;

Rat l-avviz tad-9 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-21 ta’ Gunju 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirriappunta l-kawza ghas-smiegh;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tindika jekk il-Perit Legali thallsitx fi zmien erbat ijiem;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tirriappunta l-kawza ghas-smiegh u ghall-konferma tar-rapport;

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-28 ta’ Gunju 2002 li biha ddikjarat li thallset il-Perit Legali;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tas-17 ta’ Frar 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza n-notifika tal-konvenut permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tordna tali notifika *ai termini* ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 f'gazzetta lokali wahda;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' April 2003;

Rat in-nota ta' l-attrici tas-7 ta' April 2003 fejn permezz taghha pprezentat estratt minn gazzetta lokali li turi li l-konvenut gie debitament notifikat f'gazzetta lokali;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha pprezentat tlett estratti minn gazzetti lokali;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok u a skans ta' kull ekwivoku, din il-Qorti tordna l-konnessjoni tal-kawzi bejn din u l-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet li titratta dwar talba ghall-annullament taz-zwieg fl-ismijiet **"Philippa Farrugia vs Marcef Ben Ammar Aidi"** (Citaz. Numru 1546/00/RCP) li tinsab differita ghas-7 ta' Jannar 2004, b'dan li l-provi kollha u l-atti kollha f'kull kawza hawn imsemmija ghandhom jghoddu bhala provi fil-kawza l-ohra u vice versa.
Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-partijiet resqu l-provi taghhom fil-kawza dwar l-annullament taz-zwieg u ftit jew xejn gabu provi fuq din is-separazzjoni *ut sic,* ghalkemm il-provi f'dik il-kawza, in kwantu huma relevanti ser jittiehdu bhala provi f'din il-kawza, u dan in vista tad-digrieti ta' din il-Qorti, nkluz dak ta' llum stess.

Illi ghalhekk jinghad li l-provi prodotti huma bazikament dawk li gew ikkunsidrati mill-Perit Legali fil-kawza l-ohra li huma fil-fatt is-segwenti bbazati fuq ix-xhieda ndikata fl-istess rapport peritali li minnha jirrizulta s-segwenti.

Illi l-**attrici** xehdet li hija u l-konvenut izzewgu fil-21 ta' Gunju, 1996. Il-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Tunezina u jhaddan religjon Islamika.

Illi meta l-koppja zzewgu l-attrici kellha sittax-il sena u hu kellu 22 sena. Marru joqghodu mal-genituri ta' l-attrici. Damu joqghodu hemm ghal xi sena u nofs. Pero' l-attrici tistqarr illi z-zwieg taghhom kien differenti minn ta' koppji ohra. Qatt ma kienu johorgu bhala koppja u r-relazzjonijiet intimi kienu minn ta' l-inqas.

Illi mbaghad l-attrici tistqarr kif wara sena u nofs il-konvenut iddecieda li ried imur jghix ghal rasu u qatt ma qal lill-attrici biex tmur tghix mieghu.

Illi tul iz-zwieg, l-attrici tistqarr illi l-konvenut hadem ghal ftit zmien pero' hi kienet tmantnih, sahansitra kienet anke thallaslu l-kera meta telaq mid-dar tal-genituri taghha.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi l-konvenut kien isawwatha diversi drabi meta mar jghix wahdu u kienet tkun ir-Rabat. Hemm diversi rapporti fuq l-incidenti.

Illi meta l-konvenut telaq jghix ghal rasu, qatt ma kien jikkuntatja lill-attrici u kien izurha ghand ommha qisu darba fix-xahar biss.

Illi l-attrici bdiet tissuspetta illi l-konvenut kellu relazzjoni extra-konjugali u kienet fil-fatt ikkonfermatu meta ivverifikat lil min kienet tappartjeni l-karozza Fiesta. Din kienet ta' certa Claire Pace u l-istess vettura kienet regolarment tkun ipparkjata quddiem l-appartament fejn kien joqghod il-konvenut, ir-Rabat. Fil-fatt l-istess Claire Pace kkonfermat mal-attrici li kienet ilha tohrog mal-konvenut ghal erba' xhur. Dan kollu gara ghall-habta ta' Ottubru, 1999.

Illi **Carmen Farrugia** (omm l-attrici) xehdet kif l-attrici u l-konvenut kienu ltaqghu f'Haz-Zebbug. Hu kien qalilha li ma xtaqx jaghmel il-lieva f'pajjizu u ghalhekk kien qed jipprova joqghod Malta.

Illi omm l-attrici tistqarr illi meta ried jizzewweg hi stess kienet hadithom ghand il-Monsinjur. Kien minn hawn li estendewlu z-zmien li jibqa' hawn Malta, izda xtaqet illi ma jizzewgux mill-ewwel ghax l-attrici kienet ghadha zghira.

Illi x-xhud tkompli tistqarr illi l-konvenut telaq ghal sena u mbaghad gie lura u fi zmien xahar ikkonvinca lill-attrici sabiex jizzewgu civilment ghax kienet ghada zghira. Weghedha ukoll illi malli tikber ftit iehor jizzewgu bil-Knisja.

Illi ghalhekk it-tieg sar minghajr preparamenti.

Illi x-xhud tikkonferma dak li stqarret l-attrici u cioe' illi l-konvenut kien dam jghix maghhom ghal xi zmien meta hu u l-attrici zzewgu u mbaghad kera post ir-Rabat u mar jghix ghal rasu.

Illi meta telaq, il-konvenut ma kienx imur jara lill-attrici ta' spiss u jekk kien imur, kien imur ghal qasir zmien. Sahansitra, meta kienet tikkuntatjah l-attrici, kien isib l-iskuzi kollha sabiex jevitaha.

Illi omm l-attrici, tistqarr ukoll kif darba fost ohrajn l-attrici telghet fl-appartament ir-Rabat fejn kien jghix il-konvenut u hemm sabitu fil-kumpanija ta' terza persuna.

Illi omm l-attrici tikkonferma li l-konvenut kien isawwat lill-attrici u li hi kienet tmantnih.

Illi **Alfred Farrugia** xehed billi kkonferma dak kollu li xehedu l-attrici u ommha.

Illi **Claire Pace** wkoll ikkonfermat li saret taf lill-konvenut f'Awissu, 1999 f'Wied il-Ghajn u bdiet tohrog mieghu u damet ghal xi xahrejn shah. Illi din ix-xhud tikkonferma li kienet ikkuntatjatha l-attrici u kienet ikkonfermat din ir-relazzjoni maghha. Hija tistqarr illi malli saret taf li l-konvenut kien mizzewweg, kienet waqfet tohrog mieghu u minn dakinhar ma kenitx ratu izjed u wkoll li hi kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut.

Illi **Josef Farrugia** (hu l-attrici) qal huwa hu l-attrici u jikkonferma l-fatti kollha migjuba mix-xhieda l-ohra.

Illi *noltre*, dan ix-xhud jistqarr illi wara li l-konvenut kien mar jghix ghal rasu kien jiltaqa' mieghu barra il-Waves, Tattingers, Paceville, flimkien ma' hutu u shabu. Kien jiltaqa' mieghu anki tard bil-lejl u kien dejjem minghajr ohtu apparti mill-fatt li dan kien jarah ta' spiss.

Illi ghalhekk l-istess Perit Legali ssottomiet ir-rapport taghha fuq it-talba attrici fil-kawza l-ohra dwar annullament taz-zwieg u dan abbazi ta' l-**artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-fatt sostniet li l-**artikolu 19(1)(d)** jirrikjedi li ta' l-anqas wiehed mill-partijiet ikun qed isofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza fil-mument li jaghti l-kunsens. Din hija l-interpretazzjoni li adottat il-Qorti.

Illi ghalhekk il-kunsens irid ikun vizzjat, minhabba semplici njoranza, minn wiehed mill-partijiet, taz-zwieg innifsu jew tad-dmirijiet jew drittijiet essenzjali ta' l-istess zwieg.

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tezamina din l-interpretazzjoni fid-dawl tal-fatti fil-kaz **"Agius vs. Borg"** (Prim' Awla Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru 1995) fejn inghad li:-

*"Nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma jfissirx semplicement injoranza dwar xi aspett tal-hajja mizzewga izda jfisser li l-parti tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga. Din hi l-posizzjoni fil-ligi taghna llum u din jidher ukoll li kienet sostanzjalment il-posizzjoni fid-dritt kanoniku fl-1965".*

Illi f'hiex jikkonsistu dawn id-drittijiet u doveri essenzjali tal-hajja mizzewga? ***Viladrich P.J.*** fl-artikolu **"Matrimonial Consent in Capparros E. Theriault J. Thorn J. Code of Canon Law Annotated,** Wilson U Lafleur Limited, Montreal 1993, p. 687 jidentifikahom bhala "*the right to the conjugal act, leading to procreation and education of*

*offspring uniting the spouses, community of life and love exressing their uion, their mutual well-being linked with an environment conducive to the reception and education of children, and the obligation to receive and bring up children within the contest of a conjugal community".*

Illi l-istess ***Viladrich*** jissottolinea illi dawn id-drittijiet u doveri essenzjali taz-zwieg innifsu ghandhom ikunu "*mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable".*

Illi ghalhekk il-prezunzjoni hi wahda fis-sens li l-persuna li ser tizzewweg tifhem u taccetta u taghzel volontarjament l-implikazzjonijiet li jgib mieghu il-kunsens fiz-zwieg, kif ukoll tifhem u taccetta d-dmirijiet, obbligazzjonijiet u drittijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk isegwi li kull persuna li m'ghandhiex fil-pussess taghha l-possibilita' t'ghazla libera u volontarja, titqies bhala persuna li ssofri minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi ***Angelo Di Felice***, fl-artikolu tieghu **"La Discretio Iudici Matrimonio Proportionata nella giurisprudenza Rotale"** fil-ktieb miktub mill-attur Pio Fedele **"Perturbazioni Psichiche e consenso matrimoniale nel diritto canonico"** jiddeskrivi z-zwieg bhala kuntratt naturali li jista' jigi kkontemplat bejn persuni anke l-aktar semplici, li ghandhom livell ta' intelligenza aktar baxx.

"*Il matrimonio e' infatti un diritto ed un contratto naturale per tutti gli uomini, anche i semplici, che non hanno cultura o esperienza, i quali certamenti possono contrarre senza che conoscano e valutino la natura giuridica del matrimonio e le conseguenze degli singole obbligazioni e dei singoli diriti connessi con il contratto matrimoniale".*

Illi pero' b'danakollu, il-punt in kwistjoni huwa jekk il-livell ta' l-intelligenza jew kif inhi ahjar maghrufa l-fakolta' kritiko-estimativa tal-persuna kienx ta' livell, tant li setghet tevalwa n-natura taz-zwieg bhala unjoni permanenti,

indissolubli bejn ragel wiehed u mara wahda, unjoni li ggib maghha drittijiet u obbligazzjonijiet.

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** jirrikjedi analizi f'zewg partijiet:-

(i) Eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu; u
(ii) Eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi skond l-istess Perit Legali inghad preliminarjament, li ghandu jigi stabbilit x'wiehed jifhem bl-"*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu*". Fil-gurisprudenza Maltija nsibu li dan l-artikolu gie spjegat fid-dettall u gie mfisser li biex l-eskluzjoni tkun wahda pozittiva mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali taz-zwieg, izda jrid ikun hemm volonta' pozittiva li teskludi tali element essenzjali.

Illi fis-sentenza **"Borg vs. Borg"** (Prim' Awla 22.05.1995), il-Qorti marret pass aktar 'l boghod u dan billi sostniet fi kliem iehor biex ikun hemm "*eskluzjoni pozittiva"* jehtieg ukoll li jkun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu.

Illi gie stabbilit ukoll illi l-"*eskluzjoni pozittiva"* tista' tkun implicita:

"*Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, il-hsieb maghmul, il-volonta' pozittiva (fil-mument tal-ghoti tal-kunsens) li wiehed irid jeskludi z-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga, tista' tigi manifestata anke implicitament, permezz tal-mod kif wiehed igib ruhu u tac-cirkostanzi tal-hajja tieghu."*

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** *per se'* ma jikkontemplax specifikament is-simulazzjoni totali jew parzjali taz-zwieg. Madanakollu, kif inhu ben saput, gie stabbilit diversi drabi fil-gurisprudenza Maltija illi:-

(i) l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu huwa sinonimu mas-simulazzjoni totali taz-zwieg.

(ii) l-eskluzjoni ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga huwa sinonimu mas-simulazzjoni parzjali.

Illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva m'ghandhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda tista' tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.

Illi l-istess Perit Legali sostniet li mill-fatti tal-kaz jidher car illi l-konvenut izzewweg lill-attrici ghall-konvenjenza. Kellu bzonn il-Visa biex jibqa' hawn Malta. Is-segwenza tal-avvenimenti kollha jikkonfermaw fuq grad ta' probabilita', illi dan kien l-iskop tal-konvenut. Gie Malta, iltaqa' mal-attrici li kienet immatura bizzejjed biex tifhem u tiddistingwi li l-konvenut ma kienx ihobbha izda kien qed juzaha ghall-kumditajiet tieghu.

Illi l-konvenut imbaghad, wara z-zwieg, dam jghix mal-familja tal-attrici, jghix minn fuq darha, qatt ma mantniha u wara sena telaq jghix ghal rasu. Ir-relazzjonijiet intimi, kienu minimi. Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni. L-attrici donnha hassitha onorata li kienet qieghda taghmel dawn l-ispejjez sabiex izzomm ir-ragel taghha.

Illi l-istess Perit Legali kompliet tghid li l-konvenut telaq jghix ghal rasu bl-iskuza illi meta l-koppja tizzewweg bil-Knisja imbaghad imorru jghixu flimkien, imma sadanittant l-attrici kellha tibqa' tghix mal-familja taghha. Iz-zwieg bil-Knisja qatt ma seta' jikkunsidra l-konvenut ghaliex bhala Musulman ma kienx jaqbillu li jkollu din ir-rabta permanenti.

Illi fl-opinjoni ta’ l-istess Perit Legali dawn il-fatti kollha jindikaw illi l-konvenut ma kellu l-ebda ideja ta’ x'ifisser zwieg u meta zzewweg lanqas biss wera li jaf x'ifisser id-drittijiet u dmirijiet li jgibu mieghu z-zwieg. Dan johrog aktar car mill-fatt illi l-konvenut kien ihaddan religjon

Musulmana. Tant hu hekk illi insista li jkun hemm zwieg civili. Jirrizulta illi l-konvenut baqa' jhaddan l-istess religjon Musulmana tul iz-zmien u mill-istess komportament tieghu li hu ma kkontesta fl-ebda hin, jindika li huwa eskluda mill-kunsens tieghu l-indissolubilita' taz-zwieg.

"*Jinghad illi fis-socjeta' Maltija din l-indissolubilita' ghandha titqies bhala element essenzjali tal-hajja mizzewga u... dan l-element ghandu jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' ordni pubbliku*" (**"Theresa Taguri vs. Avukat Dr. Chris Cilia noe"** 10 ta' Novembru 1999 (NA)).

Illi x-xhieda kollha kkonfermaw illi l-konvenut kellu relazzjonijiet extra-konjugali u wahda minnhom Claire Pace tikkonferma dan il-fatt hi stess. Hu l-attrici ukoll jikkonferma li meta l-konvenut mar jghix ghal rasu, waqt li ohtu baqghet tghix id-dar, hu kien ikun regolarment barra, Paceville u postijiet ta' divertiment ohra sas-sighat bikrin ta' filghodu.

Illi l-istess perit legali kkonkludiet li mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta li meta l-konvenut dahal ghall-kuntratt ta' zwieg hu ma kellu l-ebda ntenzjoni li jsegwi fedelment l-elementi essenzjali taz-zwieg kif rikonoxxuti mill-ligi Maltija.

Illi jirrizulta wkoll ghalhekk li l-konvenut kien jaf ezatt xi pjan kellu - jizzewweg lill-attrici, jgib il-Visa b'mod konvenjenti u jibqa' jghix hajja ta' guvni wahdu u jeskludi ghal kollox l-unjoni komuni u permanenti li kellha twassal ghall-gid tal-familja.

Illi abbazi tal-premess ghalhekk l-istess Perit Legali kkonkudiet li:-

*"Illi ghalhekk a bazi ta' dak kollu sottomess, l-esponenti thoss illi hemm ragunijiet sufficjenti sabiex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null u bla ebda effett ai termini ta' l-**artikolu 19(1)(f)** bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut".*

Illi din il-Qorti ser tirreferi ghall-istess provi prodotti fil-kawza dwar t-talba ghall-annullament bejn il-partijiet u tezaminahom fl-optika ta’ din il-kawza bejn l-istess partijiet ghall-separazzjoni personali, u minn ezami ta’ l-istess, jidher car li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut irrenda ruhhu hati verso l-attrici t’adulterju, swat, ingurji gravi u sevizzi u fl-ahharnett abbandun ta’ l-attrici, u jidher car li l-konvenut kien intenzjonat sabiex juza lill-attrici f’kull ma seta` kif fil-fatt ghamel.

Illi t-tieni talba dwar xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi milqugha b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni, u anke in vista tal-fatt li jidher li kontra l-konvenut ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 12** jigi ddikjarat li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti biss f’karozza u telefon cellulari, u li dawn inxtraw mill-mezzi ta’ l-attrici u ghalhekk l-istess ghandhom jigu assenjati lilha esklussivament b’dan li l-istess attrici ghandha thallas kull dejn li jista’ jkun ghadu qed jezisti fuq l-istess karozza.

Illi r-raba’ talba ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati verso l-attrici *inter alia* t’adulterju.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet solament imputabbli lill-konvenut u dan minhabba li l-konvenut irrenda ruhhu hati verso l-attrici t’adulterju, swat, ingurji gravi u sevizzi u fl-ahharnett abbanduna lill-attrici,

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti b'tali mod li l-konvenut qed jigi dikjarat li tilef kull jedd li kellu ghan-nofs l-akkwisti waqt iz-zwieg li kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici u dan b'applikazzjoni ta' l-**artikoli 48, 51, u 53 tal-Kap 16,** u tiddikjara li din tikkonsisti f'karozza u kull dejn li jista' jkun hemm fuqha u telefon cellulari, u dawn qed jigu assenjati kollha lill-attrici *stante* li dawn inxtraw bil-hidma taghha esklussivament.

4. Tappplika kontra l-konvenut l-effetti kollha kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------